**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 12 ta' Gunju, 2024**

Numru 16

**Appell Nru. 66/2023**

**John Camilleri, Leonard Vella, Clint Fenech,
John Mary Micallef, Mario Vella**

**vs**

**L-Awtorita Ghall-Ambjent u r-Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Vella tas-6 ta' Novembru 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Ottubru 2023 li biha kkonferma l-inhawi tal-Wej limiti tal-Mosta bhala zona specjali ta' konservazzjoni – sit ta' importanza nazzjonali;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell huwa ntavolat mill-appellanti fil-konfront tad-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi fuq talba ta' rikonsiderazzjoni fejn gie kkonfermat l-iskedar ta' porzjon ta' art bhala *Special Area of Conservation – Site of International Importance* flinhawi tal-Wej, fil-limiti tal-Mosta. Illi n-nomina ta' 'L-Inhawi tal-Wej' bhala SAC giet ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,303 permezz tan-Notifika tal-Gvern Nru. 1522 tal-2019, nhar it-28 ta' Novembru 2019.

Illi l-ERA bbazat ir-rifjut taghha ghat-talba ta' rikonsiderazzjoni abbazi tas-segwenti ragunijiet:
1.Illi l-konsiderazzjoni tal-integrita' ecologika, koerenza, konnettivita' u l-effetti fuq it-trufhuma parti ntegrali mill-process ta' nomina ta' *Special Areas of Conservation* (SAC). Illi kull porzjon ta' art f'SAC jikkontribwixxi ghal dawn il-principji ta' konservazzjoni u ghalhekk issit ghandu jigi kkonsidrat b'mod holistiku. Dan huma specjalment importanti meta tittiehed konsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet geografici tas-sit, li huwa wkoll izolat fizikament minn zoni ohra naturali. Illi l-approcc holistiku huwa mportanti ghall-immaniggjar tas-sit sabiex tigi zgurata konservazzjoni effettiva tal-ispeci u l-abitati rispettivi.
2.Illi r-rapprezentazzjoni geografika tas-sit u l-abitati/speci li ssostni huma ta' relevanzapartikolari. L-inhawi tal-Wej ghandu sinifikat ghan-*National Ecological Network* u n-*Natura 2000 network* minhabba l-pozizzjoni partikolari tieghu, kif ukoll minhabba n-natura talkompozizzjoni tal-abitati u l-ispeci li jinsabu fih u li huma pjuttost distinti.
3.Illi l-SAC tinkludi l-prezenza tal-abitati ta' prijorita' fi Skeda 1 3170 **Mediterranean temporary ponds* u 6220 * *Pseudo steppe with grasses and annuals of the Thero-Brachypodietea*, labitat 5410 **West Mediterranean clifftop phryganas*, u l-prezenza tal-*Maltese Waterwort, Elatine gussonei* tal-iSkeda 2. Illi l-SAC tospita wkoll numru ta' speci protetti, rari, endemici jew dawk li huma mhedda, inkluz il-harira tal-ilma ta' Malta u l-gamblu tal-elmu, li huma protetti b'Regolamenti 25 u 26 tal-L.S.549.44. Illi l-SAC ghandha tkun protetta b'mod holistiku sabiex tigi assigurata l-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' tali abitati u speci.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellanti jirribattu d-decizjoni tal-Bord tal-ERA bis-segwenti aggravji:
1.Illi d-decizjoni mill-ERA ittiehdet minghajr ebda konsultazzjoni mas-sidien tal-art jewkunsiderazzjonijiet tal-htigijiet ekonomici, socjali u kulturali, u l-karatteristici regjonali u lokali tas-sit, kif mitlub fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni talabitat naturali u tal-fawna u flora selvagga. Illi l-art inkwistjoni tifforma biss parti zghira hafna u insinjifikanti miz-zona identifikata ghall-protezzjoni u tinsab imdawwra bi zvilupp eccessiv u hitan t'appoggi mikxufa, kif ukoll tinsab ma' triq adjacenti u minsusa b'interventi permanenti mill-Gvern Centrali biex isservi l-izvilupp. Oltre dan, l-evalwazzjoni ekologika li saret fl-art tas-sidien ikkonfermat li m'hemm ebda abitati li jimmeritaw protezzjoni u wisq anqas flora u fawna li huma indikattivi ta' tali abitati fil-periferiji mmedjati u lil hinn. Ghallkuntrarju, l-esperti u l-konsulenti tal-ERA ma ressqu l-ebda studju specifiku ghall-art talappellanti u rrispondew biss b'argumenti generic u repetittivi ghal kull kaz. Illi d-decizjoni kollettiva kontra l-appelli kollha quddiem il-Bord, irrispettivament mill-kunsiderazzjonijiet specifici ta' kull sit, hija wahda diskriminatorja u mhux imsejsa fuq studji specifici ghal kull kaz.
2.Illi r-ragunament tal-appellanti huwa sostnut b'evidenza dokumentarja konsistenti minnevalwazzjoni ekologika maghmula minn Dr. Sandro Lanfranco fejn ma gew innutati l-ebda strutturi geomorfologici jew vegitazzjoni li jindikaw jew huma sinjal ta' *rockpools*

temporanji tal-ilma helu fis-sit odjern. Evidenza ohra tinkludi rapport tekniku tal-Perit Sarabelle D'Amato u ritratti tal-interventi permanenti fuq l-art inkwistjoni mwettqa mill-Gvern Centrali biex iservi zvilupp adjacenti.
3.Illi fuq is-sit tal-appellant saru interventi permanenti mill-Gvern Centrali relatati ma'xogholijiet infrastrutturali ta' skavar ghat-tpoggija ta' pajpijiet tal-ilma u d-drenagg tul ilfond kollu tas-sit, liema xoghlijiet saru biex iservu l-izviluppi fil-periferiji mmedjati tal-art. Illi wara li l-art giet kompromessa, l-istess Gvern Centrali, permezz tal-ERA, qed irendi l-art inkwistjoni bla ebda valur billi qed jippregudika l-interessi tal-appellanti b'decizjoni li ma taghmel ebda gustizzja ambjentali.
4.Illi fuq artijiet biswit is-sit tal-appellanti ghaddejjin xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq binjiet li estetikament jistonaw mal-inhawi u li jikkontrastaw mad-decizjoni kontestata. Ghaldaqstant, l-art in kwistjoni ghandha sservi bhala zona ta' transizzjoni ta' gholi (tnaqqis) bejn il-bini gholi li tiela u zzona tal-Wej li qed tithares permezz tal-inkluzjoni taghha fin-network tan-Natura 2000. Illi fl-2013, lappellanti kienu ssottomettew talba legittima ghal revizjoni tal-Pjan Lokali sabiex is-sit in mertu jigi kkonsidrat bhala parti miz-zona ta' l-izvilupp.

Illi fir-risposta taghha ghal dan l-appell, l-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi zammet-ferm mad-decizjoni taghha, u fil-konfront tal-aggravji mressqa mill-appellanti ssottomettiet issegwenti:
i.Illi l-Awtorita' agixxiet f'konformita' mar-regolament 12 tal-L.S.549.44 kif ukoll mal-Artikolu 69 tal-Kap. 549 fejn minbarra n-notifika bil-protezzjoni tal-art indirizzati diretti lissidien tal-art, l-istess Awtorita' ghamlet ezercizzju shih sabiex tassigura li tkopri kemm jista' jkun lis-sidien tal-art kollha fosthom permezz ta' twahhil ta' tabelli fuq is-sit, notifici filgazzetti, notifici lil Kunsilli Lokali u fuq is-sit elettroniku taghha;
ii.Illi l-Awtorita' m'hijiex obbligata tikkonsulta mas-sidien qabel ma tiddikjara sit bhala SAC minhabba li l-protezzjoni ssir ghal ragunijiet xjentifici biss. Illi kunsiderazzjonijiet ekonomici, socjali u kulturali jigu kkunsidrati fl-istadju tal-immaniggjar tas-sit fejn f'perjodu ta' sitt snin wara li s-sit jigi ddikjarat bhala SAC iridu jigu zviluppati l-mizuri ta' konservazzjoni ghas-sit in linea mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 92/43/KEE (*Habitats Directive*);
iii.Illi l-konservazzjoni tas-sit ma tkunx effettiva *b'piecemeal approach* u ghalhekk il-protezzjoni trid issir b'mod koreneti u holistiku fejn l-integrita' ekologika, il-koerenza u l-konnettivita' bejn l-ambjenti naturali huma mportanti;
iv.Illi l-Bord sema' t-talbiet separati w distinti u ha vot separat fuq kull talba mressqa u qabel kull vot gie mfakkar fuq liema porzjon ta' art qieghed jittiehed il-vot;
v.Illi r-ragunijiet xjentifici wara d-dikjarazzjoni tas-sit bhala SAC jinsabu fid-*Designation Report* anness ma' l-istess risposta, b'dana li l-integrita' ekologika tas-sit fit-totalita' tieghu trid tittiehed in konsiderazzjoni;
vi.Illi l-protezzjoni tas-sit bhala SAC ma jimpedix milli jsir zvilupp imma huma l-*policies* talippjanar li jirregolaw l-izvilupp. Din il-protezzjoni taghti livell addizzjonali ta' protezzjoni li lAwtorita' hija obbligata li taghmel sabiex tilhaq l-obbligi taghha taht il-*Habitats Directive*;
vii.Il-protezzjoni tas-sit bl-ebda mod ma tista' tigi kkonsidrata bhala tehid tal-art jew esproprju stante li s-sidien ta' l-art jibqghu fil-pussess u t-titolu shih tal-art inkwistjoni u jibqghu jaghmlu uzu minnha, u ghalkemm timponi izjed restrizzjonijiet, tali protezzjoni ma tolqotx id-drittijiet fundamentali tas-sidien tal-art. B'rabta ma' dan, l-Awtorita' taghmel referenza ghas-sentenza talQorti Kostituzzjonali fl-ismijiet: **Trimeg Limited vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (14/2005/1) deciza nhar l-14 ta' Mejju 2010.

Illi permezz ta' digriet datat 24 ta' Gunju 2021, it-Tribunal kif diversament kompost laqa' ttalba ta' terzi nteressati u ordna li l-istess rikorrenti jigu ammessi bhala intervenuti fl-appell odjern.

Illi fis-seduta mizmuma nhar is-26 ta' Ottubru 2021, it-terzi ddikjaraw li ser jistriehu li ser tistrieh fuq il-kontenut tar-risposta tal-ERA.

Illi fil-mori tal-appell, l-ERA ssottomettiet affidavit guramentat redatt mis-Sur Darrin Stevens, fil-kapacita' tieghu bhala Deputat Direttur fi hdan l-istess Awtorita' u fejn il-process ghall-protezzjoni ta' L-Inhawi tal-Wej kien jaqa' taht ir-responsabbilita' tieghu. Is-Sur Stevens jispjega li l-process li jigi segwit f'relazzjoni man-nomina ta' SACs jinvolvi (i) isselezzjoni tas-siti eligibbli ghal identifikazzjoni bhala SACs ta' mportanza nazzjonali jew internazzjonali, abbazi tal-provvedimenti tal-Kap. 549 u Regolament 9(1) tal-L.S.549.44, (ii) pubblikazzjoni tas-siti protetti in linea ma' Regolament 11 tal-L.S.549.44, (iii) notifika lissidien in linea ma' Regolament 12 tal-L.S.549.44, (iv) twaqqif ta' objettivi u mizuri ghallkonservazzjoni in linea ma' Regolament 9 tal-L.S.549.44, (v) informazzjoni specifika ghas-sit tigi trasmessa fi Standard Data Forms li tinkludi nformazzjoni fuq id-daqs u l-lokazzjoni tassit, inkluz it-tipi ta' speci u/jew abitati li jinsabu fih, u (vi) is-sit ikun suggett ghal mizuri ta' mmanigjar u proceduri ta' evalwazzjoni skont ir-Regolamenti 14, 18 u 19 tal-L.S. 549.44 sabiex jigi zgurat konservazzjoni u mmanigjar xieraq tal-karatteristici protetti. Is-Sur Darrin Stevens jispjega ulterjorment li 'L-Inhawi tal-Wej' gew identifikati bhala SAC in linea malL.S.549.44, inkluz Skedi I,II u IV. Illi s-sit jospita abitati ta' prijorita' elenkati fi Skeda I fosthom '*Mediterranean temporary ponds', 'Pseudo steppe with grasses and annuals of the Thero-Brachypodietea'*, kif ukoll il-prezenza ta' '*West Mediterranean clifftop phryganas*', u '*Maltese Waterwort, Elatine gussonei'* li jinsabu fi Skeda II. Illi s-sit jospita wkoll numru ta' speci protetti, rari, endemic u /jew mhedda, inkluz il-harira tal-ilma ta' Malta u l-gamblu talelmu li huma protetti in linea ma' Regolamenti 25 u 26 tal-L.S.549.44. Jinghad li sabiex tigi zgurata l-koerenza globali u l-konservazzjoni u l-immaniggjar xierqa tas-sit, jehtieg li s-sit ikun protett b'mod holistiku. Is-Sur Stevens jirrileva wkoll li s-sit jinsab fl-intier tieghu flODZ u, bin-nomina tas-sit bhala SAC, l-immaniggjar tas-sit ikun wiehed mandatorju u jzid filtru ta' *screening* ghall-assessjar ta' pressjonijiet marbuta mal-abitati u l-ispeci li ghalihom inghatat in-nomina. Annessi ma' l-istess affidavit gew sottomessi numru ta' ritratti mehudha mill-ufficjali tal-ERA fuq is-sit.

Illi permezz ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet terzi, l-istess terzi kollettivament jiddikjaraw li qed jappoggjaw il-protezzjoni tal-Inhawi tal-Wej bhala SAC u joggezzjonaw ghal kwalunkwe tentattiv li jipprova jnehhi tal-protezzjoni, u dan minhabba l-importanza ekologika tas-sit fejn wiehed ma jistax jiffoka biss fuq porzjon zghir ta' art f'izolament tenut li din ma tospitax l-ispeci u habitati nnutati fuq is-sit holistiku, izda l-konservazzjoni ghandha tikkonsidra siti fil-kuntest usa taghhom. Jinghad li s-sit ghandu wkoll importanza ta' wirt kulturali u jinkludi karatteristici bhal *cart ruts*, oqbra, *vine trenches*, barrieri, dolmen u kappella tas-seklu sittax, li huma kollha protetti b'mekkanizmi ta' skedar. Illi dan il-valur m'huwiex limitat biss ghal karatteristici individwali izda jinsab fil-prezenza ta' pajsagg kulturali uniku. Il-partijiet terzi jkomplu jargumentaw li z-zona taqa' 'l barra miz-zona ta' lizvilupp u identifikata bhala Natura 2000 *site*, u ghalhekk l-art m'ghandhiex titqies bhala wahda potenzjalment zviluppabbli. Jinghad ukoll li l-Inhawi tal-Wej iservu funzjoni socjali importanti bhala wahda mill-ftit spazji miftuha f'zona zviluppata densament.

Illi b'referenza ghall-verbal tas-seduta mizmuma nhar il-25 ta' Ottubru 2022, l-Awtorita' provdiet kopja tal-pjanta li turi l-abitati protetti. L-Awtorita' nnutat ukoll li d-data meta giet sottomessa l-informazzjoni dwar is-sit inkwistjoni bhala sit kandidat hija l-1 ta' Ottubru 2019 u d-decizjoni tal-Kummissjoni giet mehudha fil-21 ta' Jannar 2021 u ppubblikata fil-15 ta' Frar 2021. Kopja tal-minuta tal-laqgha tal-Bord tal-ERA giet annessa mal-istess risposta.

Illi waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2023 xehed bil-gurament is-Sur Darrin Stevens bhala rapprezentant tal-ERA fejn spjega li koerenza nifhmu biha li l-ambjenti naturali, l-abitati u lispeci jkollom bizzejjed spazju biex jimirhu, u ghalhekk trid tinkludi mhux l-izpazji fejn jinsabu

l-abitati u l-ispeci biss izda fejn dawn jistghu jiccaqalqu fis-siti tal-madwar. Hu jispjega li f'dan il-kaz il-burdura kienet gia ssettjata bl-iskedar li sar fl-2011 bhala *area of archaeological importance scientific corporate* u li kienet il-burdura tal-ODZ skont ilpozizzjoni li ha l-Gvern ghal siti li ma jinghatawx ghall-izvilupp. Jinghad li fl-ezercizzju inkwistjoni provaw jevitaw li jdahhlu siti li xorta ha jinghataw ghall-izviliupp ghaliex f'dak ilkaz il-koerenza ma setghetx tregi. Is-Sur Stevens ikompli jikkjarifika li wara li l-ERA ghamlet is-*surveys* xjentifici taghha, fil-kuntest tal-koerenza, ittiehdu s-siti steppici kollha fejn inzerta li l-istess burduri huma dawk li ntuzaw bl-istess process ghal skedar fl-2011.

Illi permezz ta' nota addizzjonali, u b'referenza ghall-verbal tas-seduta mizmuma nhar is-7 ta' Frar 2023, l-Awtorita' ssottomettiet kopja tal-ittra li l-istess Awtorita' batet lis-sidien talartijiet affettwati bhala notifika dwar il-protezzjoni tal-'Inhawi tal-Wej', kif ippubblikata finNotifika tal-Gvern 1522 tal-2019.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, l-appellanti jargumentaw li mill-pjanta sottomessa mill-ERA jirrizulta b'mod car li l-art inkwistjoni hija prattikament netta mill-abitati li fuqhom hija msejsa d-decizjoni tal-ERA li tikklassifika s-sit bhala SAC. Illi l-kopja tal-minuti tallaqgha tal-Bord tal-ERA turi bic-car li l-motivazzjoni tal-Bord ma kienetx strettament wahda xjentifika izda wahda mghaggla b'diskussjoni limitata fejn il-Bord kien influwenzat minn fatturi esterni u li ma jammontawx ghal bazi purament xjentifika. L-appellanti jkomplu jikkontendu li l-art inkwistjoni hija parti zghira hafna u nsinifikanti miz-zona identifikata ghall-protezzjoni, liema parti hija mdawwra bi zvilupp eccessiv, hitan t'appoggi mikxufa u triq adjacenti. Jinghad ukoll li hekk kif jirrizulta mill-access tat-Tribunal, fuq is-sit saru interventi konsistenti f'xogholijiet infrastrutturali koperti bil-permess PA 2656/14, kif spjegat fid-dettall fir-rikors promotur. Ikompli jinghad li fuq il-medda tal-art inkwistjoni jidher li m'hemmx flora u fawna li huma ndikattivi ta' tali abitati li jimmeritaw protezzjoni fil-periferiji mmedjati. L-appellanti jsostnu wkoll li l-argument tal-*buffer zone* huwa wiehed eccessiv li ma jsib l-ebda bazi ta' raguni oggettiva, legali, u/jew xjentifika, b'dana li jrid jintlahaq bilanc bejn l-ghanijiet tal-klassifikazzjoni kontestata u d-dritt fundamentali tas-sid li jgawdi l-propjeta' tieghu.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet finali, l-Awtorita' taghmel referenza ghall-osservazzjonijiet maghmula fir-rapport ta' Dr. Sandro Lanfranco li bih l-appellanti qed jiggustifikaw ilpozizzjoni taghhom fl-ewwel aggravju, u tissottolinea li r-*rock pools* ma kienux l-uniku raguni ghal-protezzjoni tas-sit fejn, f'dan ir-rigward, taghmel referenza ghad-*Designation Report* anness mal-ewwel risposta tal-istess Awtorita' u li jelenka diversi fatturi u karatteristici ohra. L-Awtorita' ssostni li l-protezzjoni m'ghandhiex issir b'mod izolat u frammentat ghalkemm fl-art tal-appellant hemm il-prezenza ta' abitat protett, *ossia* l'*Pseudo-steppe with grasses and annuals of the Thero-Brachypodietea*', immarkat bil-kulur ahdar fuq il-*Habitat Map* tal-Inhawi tal-Wej. L-Awtorita' taghmel referenza ghall-affidavit guramentat tas-Sur Darrin Stevens fejn l-importanza li l-art tigi protetta fit-totalita' taghha giet ampjament spjegata, kif ukoll ghad-*Designation Report,* anness mar-risposta ta' lAwtorita', fejn gie spjegat u ggustifikat ghaliex huwa mportanti li jittiehed approcc holistiku minflok approcc frammentat. Jinghad li dan ir-rapport ikompli jispjega kif id-delineazzjoni tas-sit kienet ibbazata fuq ragunijiet xjentifici, kif ukoll dwar il-htiega tal-protezzjoni ta' partijiet tas-sit li, minkejja li f'ghajnejn min m'huwiex tekniku jidher li m'hemmx gustifikazzjoni sabiex art disturbata, mahduma jew mitluqa tigi protetta, il-protezzjoni ta' dawn it-tipi ta' artijiet hi necessarja. B'referenza ghat-tieni u t-tielet aggravji, l-Awtorita' terga' taghmel referenza ghall-affidavit tas-Sur Darrin Stevens u tirrileva li s-sit huwa diga' protett fuq diversi livelli, u l-protezzjoni adizzjonali tas-sit bhala SAC, ghalkemm taghti livell addizzjonali ta' protezzjoni, ma jimpedix milli jsir zvilupp izda huma l-*policies* tal-ippjanar li jirregolaw dan.
Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni odjern u tassottomissjonijiet maghmula mill-Partijiet;

Ikkunsidra;

Illi b'mod preliminari qieghed jigi rilevat li t-Tribunal kif diversament kompost acceda fuq issit inkwistjoni nhar is-27 ta' Mejju 2021, fejn gie osservat is-segwenti:
*It-Tribunal acceda fuq is-sit. It-Tribunal seta' jinnota li minn naha tan-Nofsinhar tas-sit ghaddejja trejqa, u fuq in-naha opposta ta' hajt tas-sejjieh konfinanti ma' l-istess trejqa ghaddejjin servizzi pubblici, min-naha tat-triq ghal triq ohra, jigifieri jaqsmu s-sit mil-Lvant ghall-Punent. In-naha tat-Tramuntana tas-sit huwa kontigwu ma' binjiet gholjin hames sulari u fuq in-naha tat-Tramuntana tas-sit hemm ukoll binja baxxa.*

Illi l-aggravji mressqa mill-appellant f'dan l-appell huma msejsa fuq id-decizjoni tal-Bord talERA tal-25 ta' Settembru 2020 ghal talba ta' rikonsiderazzjoni mill-protezzjoni mposta fuq ilprozjon ta' art li tappartjeni lilu fl-'Inhawi tal-Wej' bhala Zona Specjali ta' Konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali (SAC) skont in-Notifika tal-Gvern 1522 tal-2019 ippubblikata filGazzetta tal-Gvern 20,303 datata 28 ta' Novembru 2019. Illi dan it-Tribunal sejjer jitratta laggravji mressqa mill-appellant b'mod kuntestwali stante li huma kollha direttament relatati.

Illi permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jargumentaw li d-decizjoni mill-ERA ittiehdet minghajr ebda konsultazzjoni mas-sid tal-art jew kunsiderazzjonijiet tal-htigijiet ekonomici, socjali u kulturali, u l-karatteristici regjonali u lokali tas-sit, kif mitlub fl-Artikolu 2(3) tadDirettiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-abitat naturali u tal-fawna u flora selvagga.

Illi rigward dan il-punt, it-Tribunal jinnota li din id-Direttiva giet trasposta fil-Legislazzjoni Sussidjarja 549.44 Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali, fejn Regolament 9 jipprovdi s-segwenti:
*(1)Skond il-kriterji stabbiliti fl-ewwel stadju tal-Iskeda IV (Stadju I), u skont l-informazzjonixjentifika relevanti, l-awtorità kompetenti għandha, minn żmien għal ieħor, tipproponi lista ta'siti, u ma' kull sit tindika liema ambjent naturali fl-Iskeda I, u liema speċi tal-Iskedi II u III li huma indiġeni għal Malta, jinsabu fis-siti magħżula:*

Illi dan ir-Regolament ikompli billi jipprovdi li:
(2)Meta sit, sew jekk huwa ta' importanza nazzjonali sew jekk ta' importanza internazzjonali, jiġiidentifikat mill-awtorità kompetenti skont il-proċedura stabbilita fl-Iskeda IV, l-awtorità kompetenti għandha, mill-aktar fis possibbli, provvi*żorjament tindika dak is-sit bħala żona kandidata ta' konservazzjoni speċjali.*

Illi ghalhekk il-konservazzjoni ta' dawn l-abitati u l-ispeci hija evalwata u bbazata fuq ilprocedura stabbilita fi Skeda 4 tal-istess Regolament li telenka numru ta' kriterji ta' valutazzjoni tas-sit ghal abitat jew speci partikolari. Illi din l-iskeda tipprovdi li, fuq il-bazi ta' dawn il-kriterji "*the competent authority will classify the sites, which it proposed on the national list as sites eligible for identification as sites of National Importance and of International Importance according to their relative value for the conservation of each natural habitat type in Schedule I or each species in Schedule II or III*."

Illi ghalhekk, u kif indikat mill-ufficjal Darrin Stevens fl-affidavit guramentat tieghu, ilprocess ta' nomina ghal tali protezzjoni bhala Siti Specjali ta' Konservazzjoni huwa bbazat fuq evalwazzjoni ta' data xjentifika. Illi kif indikat fl-Artikolu 2 tad-Direttiva l-ghan principali ta' l-istess Direttiva huwa "*the conservation of natural habitats and of wild fauna and flora*" u dan kif rifless ukoll f'Regolament 2(1) tal-L.S.549.44. Illi "*ħtiġiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, kif ukoll karatteristiċi reġjonali u lokali*" kif indikat f'Regolament 2(2) tal-L.S.549.44, u msemmija mill-appellant fl-ewwel aggravju, ma jiffurmawx parti mill-process ta' protezzjoni tas-sit izda jiffurmaw parti minn serje ta' mizuri li huma mehtiega ghallkonservazzjoni ta' siti li jkunu gew identifikati bhala protetti, f'dak li jirirgwarda t-tmexxija u l-immanigjar tas-sit. Illi fil-process ta' tmexxija ta' siti protetti, il-L.S.549.44 tippermetti lillAwtorita' kompetenti li tinvolvi partijiet

interessati, fosthom is-sidien ta' l-art, u dan kif rifless f'Regolament 15(1) li jipprovdi s-segwenti:
*15. (1) Bl-għan ta' tmexxija tas-siti protetti l-awtorità kompetenti tista' tidħol fi ftehim ma' kull sid, inkwilin jew okkupant ta' art li jiffurmaw parti minn tali siti, dwar it-tmexxija, konservazzjoni, restawr jew protezzjoni tas-sit, jew parti minnu.*

Nonostante dan, l-istess involviment m'huwiex rifless f'dak li jirrigwarda l-process ta' dikjarazzjoni ta' sit protett bhala SAC fejn il-L.S.549.44 ripetutament titfa' din irresponsabilita' biss fuq l-"*awtorita' kompetenti*" kif indikat f'Regolament 9 u Sekda IV succitati, u dan tenut li l-protezzjoni ssir ghal ragunijiet xjentifici biss. Illi huwa sussegwentament ghall-pubblikazzjoni tal-protezzjoni ta' sit fil-Gazzetta tal-Gvern, skont iddispozizzjonijiet ta' Regolament 11, li permezz ta' Regolament 12 il-L.S.549.44 tobbliga lillAwtorita' kompetenti li "*tavża lil xi wieħed mis-sidien ta' kwalunkwe sit li jkun ġie indikat bħala SAC jew SPA ġdid*", u kif jirrizulta li filfatt ghamlet fejn it-Tribunal seta' jikkonstata kopja ta' din l-ittra ta' notifika li giet inkluza fl-atti ta' dan l-appell. Illi jsegwi li, bis-sahha tal-Artikolu 69(6) tal-Kap. 549, kwalunkwe sid li jhossu aggravat mill-protezzjoni mposta jista' jitlob lill-Awtorita' kompetenti rikonsiderazzjoni ta' l-istess protezzjoni, kif inhu l-kaz flappell odjern.
Illi ghalhekk, ghall-kuntrarju ta' dak li qed jallegaw l-appellanti, l-Awtorita' lanqas ma kellha l-obbligu li tinvolvi lis-sidien ta' l-art fil-process ta' dikjarazzjoni tal-protezzjoni mposta.
Illi permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jargumentaw ulterjorment li l-art inkwistjoni tifforma biss parti zghira hafna u insinjifikanti miz-zona identifikata ghall-protezzjoni u tinsab imdawwra bi zvilupp eccessiv u hitan t'appoggi mikxufa, kif ukoll tinsab ma' triq adjacenti. Illi permezz tat-tielet aggravju, l-appellanti jkomplu jikkontendu li s-sit inkwistjoni sofra numru ta' disturbanzi rizultat ta' nterventi permanenti mill-Gvern Centrali relatati mat-tpoggija ta' pajpijiet tal-ilma u d-drenagg tul il-fond kollu tas-sit, liema xogholijiet saru biex iservu l-izviluppi fil-periferiji mmedjati tal-art, filwaqt li fir-raba' aggravju jargumentaw li fuq artijiet biswit is-sit tal-appellanti ghaddejjin xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq binjiet li estetikament jistonaw mal-inhawi u li jikkontrastaw mad-decizjoni kontestata.
Illi mir-ritratti ezebiti mar-rikors tal-appell, kif ukoll mill-access mizmum fuq is-sit nhar is-27 ta' Mejju 2021, it-Tribunal seta' jikkonstata li filwaqt li huwa minnu li s-sit jinsab fil-vicinanzi ta' bini ezistenti, kemm baxx kif ukoll bini li jlahhaq il-hames sulari, dan huwa rizultanti millfatt li s-sit in kwistjoni jinsab fil-periferija tal-ODZ bil-konfini tal-Grigal, ix-Xlokk u Lbic kollha jmissu direttament mal-linja ta' l-izvilupp. Oltre dan, it-Tribunal seta' josserva li mannaha ta' fuq tas-sit ghaddejja trejqa u, fuq in-naha opposta ta' hajt tas-sejjiegh konfinanti ma' l-istess trejqa, ghaddejjin servizzi pubblici min-naha tat-triq ghal triq ohra. Madanakollu, it-Tribunal josserva wkoll li s-sit odjern huwa fil-maggior parti kbira tieghu huwa kkaratterizzat minn vegetazzjoni naturali, kif inhu evidenti mir-ritratti sottomessi mill-appellanti stess [Ritratti f'Dok. E anness mar-rikors promotur data 29 ta' Ottubru 2020] u dawk annessi mar-rapport tal-espert tekniku Dr Sandro Lanfranco [Evalwazzjoni Ekologika ta' Dr Sandro Lanfranco datata Gunju 2017 u inkluza Dok. C anness mar-rikors promotur data 29 ta' Ottubru 2020].

In sostenn tal-argumenti taghhom dwar in-nuqqas ta' karatteristici li jimmeritaw protezzjoni, l-appellanti, permezz tat-tieni aggravju, jaghmlu referenza ghal evidenza dokumentarja annessa mar-rikors tal-appell u li hija konsistenti minn rapport tekniku talPerit Sarabelle D'Amato li jispjega x-xogholijiet infrastrutturali li saru fuq is-sit u l-kuntest ta' madwar is-sit kommess b'bini ezistenti u kostruzzjonijiet ohra li ghadhom ghaddejjin, kif ukoll evalwazzjoni ekologika maghmula minn Dr Sandro Lanfranco fuq l-art tal-appellanti. Illi t-Tribunal ha konjizzjoni ta' dan ir-rapport mhejji minn Dr Sandro Lanfranco li gie mfassal wara spezzjoni fuq is-sit f'Gunju tal-2017 u sostnut bi studju minn litteratura u gharfien precedenti taz-zona tal-Wej. Illi r-rapport jiddeskrivi l-assemblagg ta' vegetazzjoni fis-sit bhala "*remnant rocky steppe community on which was superimposed an assemblage of species characteristic of disturbed areas. Species characteristic of scrub/steppe communities included Bermuda*

*Grass (Cynodon dactylon), Hispid Beard-Grass (Hyparrhenia hirta), Maltese Savory (Micromeria microphylla) [LN 311/2006: VIII (b); RDB: Rest (MED)], Branched Asphodel (Asphodelus microcorpus var. oestivus), Clustered Carline Thistle (Carlina involucrata) [RDB: Rest (MED)], Pine Spurge (Euphoria segetalis subsp. pineus) and Wavy-Leaved St. John's Wort (Hypericum triquetrifolium).*" Ir-rapport jikkonkludi li "*No geomorphological structures or vegetation that are indicate of temporary freshwater rockpools were noted within the site*", kif ukoll li "*patches subject to relatively recent episodes of disturbance were colonised by species with opportunistic life-cycle strategies, including Yellow Rocket (Diplotaxis tenuifolia), Spiny Asparagus (Asparagus aphyllus), Wild Oats (Avena spp.), Giant Fennel (Ferula communis), and Fennel (Foeniculum vulgore).*"

Illi min-naha l-ohra, l-Awtorita' targumenta li r-*rock pools* li jaghmel referenza ghalihom Dr Sandro Lanfranco fil-konkluzjoni tar-rapport tieghu ma kienux l-uniku raguni ghallprotezzjoni tas-sit, u f'dan ir-rigward l-Awtorita' taghmel referenza ghad-*Designation Report* u l-*Habitat Map* annessa mal-istess rapport fejn gew identifikati ambjenti naturali ohrajn li jimmeritaw protezzjoni, inkluz fuq is-sit mertu tal-appell odjern.
Illi t-Tribunal jirreferi ghad-*Designation Report* u l-*Habitat Map* preparati mill-*Biodiversity and Water Unit* fi hdan l-ERA, u li kopja taghhom giet inkluza fl-atti tal-appell. Illi dan irrapport jipprovdi l-process xjentifiku li jiggustifika n-nomina tas-sit bhala SAC. Illi minkejja li kif jissuggerixxu l-appellanti fl-ewwel aggravju, dan ir-rapport huwa msejjes fuq approcc holistiku, kif specifikat f'sezzjoni 1 tar-rapport stess, u ghalhekk m'huwiex studju specifiku ghall-art tal-appellanti, it-Tribunal jinnota wkoll li, kif indikat mill-Awtorita' fir-risposta taghha, f'parti zghira lejn in-naha tat-Tramuntana tas-sit odjern gie identifikat abitat birreferenza 6220 immarkat bil-kulur ahdar fuq il-Mappa u li d-*Designation Report* jirreferi ghalih bhala "*priority habitat in terms of the S.L.549.44 and the EU Habitats Directive, which is a typical of Pseudo-steppe with grasses and annuals of the Thero-Brachypodietea*" u li jaqa' fi Skeda 1 tal-L.S.549.44. Oltre mis-sit odjern, mir-rapport jirrizulta li l-Inhawi tal-Wej jospitaw abitati ohra li jinkludu l-*Mediterranean temporary ponds*, il-*West Mediterranean clifftop phryganas* u l-*Maltese Waterwort, Elatine gussonei,* kif ukoll numru ta' speci protetti, rari jew endemici li jinkludu l-*Maltese Horned-Pondweed* u t-*Tadpole Shrimp* li huma protetti in linea mar-Regolamenti 25 u 26 tal-L.S.549.44.
Illi ghalhekk it-Tribunal, fil- *Designation Report* u l-*Habitat Map,* ghandu quddiemu studju xjentifiku mhejji minn esperti teknici li sikurament ma jistax jigi injorat, u liema studju juri li l-aspett naturali fl-'Inhawi tal-Wej' ghadu wiehed haj u attwali fejn gew indikati diversi tipi ta' abitati u speci, filwaqt li jirrizulta wkoll li s-sit odjern m'huwiex nett ghal kollox minn kwalunkwe ambjent naturali. Min-naha l-ohra, l-appellanti naqsu milli jissottomettu l-provi taghhom li bl-interventi li saru fuq is-sit inkwistjoni m'hemmx potenzjali li jerga' jew ikompli jigi rriggenerat l-valur ekologiku tas-sit. Illi filfatt, u kif citat supra, r-rapport tal-espert Dr Sandro Lanfranco stess jindika assemblagg ta' speci rizultanti minn art li kienet giet disturbata. B'zieda ma' dan, it-Tribunal jikkunsidra li d-*Designation Report* u l-*Habitat Map* huwa studju xjentifiku li jinkludi dettalji specifici tas-sit mertu tal-appell fil-kuntest taliskedar taz-zona w dan ma jistax jigi dilwit b'rapport iffukat b'mod ristrett fuq sit li mirrapport tal-iskedar jifforma parti integrali miz-zona skedata.
Illi filwaqt li t-Tribunal jifhem li l-protezzjoni tas-sit bhala SAC tista' tohloq limitazzjonijiet addizzjonali fuq il-potenzjal ta' l-istess sit, it-Tribunal jifhem ukoll li zoni bhal dawn ma jigux rigenerati mill-lum ghal ghada izda jiehdu ghexieren ta' snin sabiex jizviluppaw b'mod matur u jifformaw ekosistema shiha. Hawnhekk, it-Tribunal jiehu spunt mir-risposta talAwtorita' fejn tenfasizza l-importanza li l-protezzjoni tal-art m'ghandhiex issir f'izolament u b'mod frammentat, kif qed jallegaw l-appellanti, izda ghandha tigi protetta fl-intier taghha. Illi dan gie wkoll accennat mis-Sur Darrin Stevens fl-affidavit guramentat tieghu fejn spjega li "*consideration to ecological integrity, coherence, connectivity and edge effects is also an integral part of the designation process of Special Areas of Conservation (SACs). This ecosystem approach is taken to ensure long-term and effective conservation and*

*management of the habitats and species present within the site.*" Illi fix-xhieda guramentata tieghu waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2023, is-Sur Stevens kompla jamplifika li bit-termini 'koerenza' nifhmu li l-ambjenti naturali, l-abitati u l-ispeci jkollom bizzejjed spazju biex jimirhu, u ghalhekk huwa mportanti li jigi inkluz mhux biss l-izpazji fejn jinsabu l-abitati u lispeci, izda wkoll dawk l-ispazji fejn dawn jistghu jiccaqalqu fis-siti tal-madwar. It-Tribunal hawnhekk jaqbel bi shih ma' dan l-approcc u jissotolinea li jekk dan ma jsirx hemm il-periklu li l-iskedar jaqa' fl-assurd billi jigi limitat strettament u biss ghal-irqajja fejn gie identifikat abitat importanti bir-rizultat li dawn jigu fgata w ghalhekk jrendi l-istess skedar, immirat ghall-protezzjoni, bhala wiehed inutli.

It-Tribunal huwa fi qbil li l-preservazzjoni ta' tali siti m'ghandhiex tkun limitata biss ghal dawk l-irqajja fejn ikunu nstabu abitati u speci importanti, izda ghandu jittiehed approcc holistiku sabiex tigi zgurata l-konservazzjoni fit-tul tal-ekosistema in kwistjoni, fejn siti filperiferiji huma partikolarment sinifikanti sabiex jirriducu u jimmitigaw l-impatt detrimentali li jista' jinholoq minn attivitajiet esterni lil hinn mill-konfini stabbiliti, bhal kif jidher li qed jigri fil-kuntest immedjat tas-sit odjern tenut il-pozizzjoni tieghu immedjatament biswit izzona ta' l-izvilupp.

Ghalkemm permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti jallegaw li d-decizjoni kollettiva mehuda mill-Bord tal-ERA, irrispettivament mill-kunsiderazzjonijiet specifici ta' kull sit, hija wahda diskriminatorja, dan it-Tribunal jinnota li mill-minuti tal-laqgha quddiem il-Bord tal-ERA mizmuma nhar il-25 ta' Settembru 2020, u li kopja taghhom giet inkluz fl-atti tal-appell millAwtorita', il-Bord ha konjizzjoni kemm tal-prezentazzjoni teknika mid-Direttorat ghallAmbjent u r-Rizorsi, kif ukoll sema' lid-diversi sidien ta' l-art li kienu prezenti ghall-istess laqgha, fejn kull sit gie diskuss individwalment, inkluz is-sit li jappartjeni ghall-appell in mertu bir-referenza GF NA 4/20 – 2. Illi fil-kaz tas-sit odjern, il-partijiet kollha ghamlu linterventi taghhom, fejn Dr Daniel Attard u l-Perit Sarabelle D'Amato, ghan-nom talappellanti, spjegaw is-sitwazzjoni ezistenti u l-kuntest tal-madwar tas-sit, inkluz li lappellanti kien gia ntavolaw talba sabiex il-porzjon art inkwistjoni tigi inkluza fiz-zona ta' lizvilupp fir-revizjoni tal-Pjan Lokali. Illi Dr Attard ghamel referenza wkoll ghall-istudju ekologiku tas-sit mhejji minn Dr Sandro Lanfranco. Illi fil-kaz tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, is-Sa Marie Therese Gambin spjegat li s-sit huwa ta' valur ekologiku mportanti u ndikat ghall-koerenza tan-network Natura 2000. Illi filwaqt li kkonfermat li sal-lum m'hemm l-ebda inkluzjoni tas-sit fil-linja ta' l-izvilupp, is-Sa Gambin infurmat li siti bhal dak inkwistjoni gew inkluzi sabiex jigu evitati l-'*edge effects'*. Oltre dan, it-Tribunal josserva li lvot mill-Bord tal-ERA ukoll ittiehed individwalment ghal kull sit, u ghalhekk l-argument ta' lappellanti m'huwiex gust f'dan ir-rigward.

Illi t-Tribunal josserva ulterjorment li l-appellanti jiffokaw l-argumenti taghhom fuq li jrid jintlahaq bilanc bejn l-ghanijiet tal-klassifikazzjoni kontestata u d-dritt fundamentali tassidien li jgawdi l-propjeta' taghhom fejn, b'mod partkolari fit-tielet aggravju, jargumentaw li l-protezzjoni tas-sit qed trendi l-art taghhom bla ebda valur filwaqt li tippregudika l-interessi tal-istess appellanti. B'rabta ma dan, u permezz tar-raba' aggravju l-appellanti sahansitra jikkontendu li l-art in kwistjoni ghandha sservi bhala zona ta' transizzjoni ta' gholi (tnaqqis) bejn il-bini gholi li tiela u z-zona ambjentali tal-Wej, b'dana li kienet gia saret talba ghal revizjoni tal-Pjan Lokali sabiex is-sit in mertu jigi kkonsidrat bhala parti miz-zona talizvilupp.

Hawnhekk it-Tribunal josserva li, bl-argumenti taghhom, l-appellanti m'humiex jaghtu attenzjoni adegwata lill-istatus ambjentali tas-sit fl-intier tieghu u jonqsu milli jidhlu fil-merti tal-protezzjoni u s-sinjifikat ekologiku tas-sit in kwistjoni vis-à-vis is-sistema tal-'Inhawi talWej' fl-intier taghha. Illi, ghall-kuntrarju, l-appellanti jiffukaw l-argumenti taghhom fuq ilpotenzjali zvilupp u ppjanar fiziku tas-sit in mertu minhabba l-lokazzjoni tieghu immedjatament 'l barra miz-zona ta' l-izvilupp u fil-vicinanzi mmedjati ta' zona gia kommessa bi zvilupp jew li qed tigi zviluppata, inkluz xogholijiet infrastrutturali li gia sehhew fuq is-sit. Madanakollu, u fil-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal, din il-konkluzjoni m'hijiex wahda nfurmata u hija biss affermazzjoni assunta minghajr *backing* xjentifiku. Illi filfatt, ir-rapport tal-espert tekniku Dr Sandro Lanfrnaco, sottomess mill-appellanti, fl-ebda punt ma jikkonkludi li s-sit inkwistjoni jimmerita eskluzjoni miz-zona identifikata ghallprotezzjoni bhala SAC.

Illi mill-argumenti mressqa mill-appellanti huwa evidenti li dak li qed jitolbu huma parametri ta' zvilupp bi proponiment ta' *policy* intermedjarja li tlaqqa z-zona skedata mal-inhawi urbanizzati. Illi hawnhekk it-Tribunal jissottolinja li jista', ghall-fini tal-argument, ikun hemm lok fejn fl-iskedar isiru xi kondizzjonijiet, izda dak imressaq mill-appellanti jiddipartixxi b'mod sinjifikanti mill-iskop tal-iskedar li fuqu ghandu jkun ibbazat il-principju ta' dan lappell, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra li sal-lum iz-zona identifikata mill-appellanti ghal tali zvillupp ghadha tinsab fl-intier taghha 'l barra miz-zona ta' l-izvilupp, irrelevanti mit-talba li saret mill-istess appellant ghar-revizjoni tal-Pjan Lokali. Illi l-ezercizzju talprotezzjoni tas-sit huwa bbazat fuq l-estent attwali tas-sit li jimmerita, o meno, protezzjoni.
Illi filfatt, id-delinjazzjoni tal-SAC timxi mal-linja tal-izvilupp, kif ikkonfermat ukoll is-Sur Darrin Stevens waqt ix-xhieda guramentata tieghu [Mizmuma waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2023] fejn spjega li, f'dan il-kaz il-burdura kienet gia ssettjata bl-iskedar li sar fl-2011 bhala *Area of Archaeological Importance,* u li kienet il-burdura tal-ODZ skont il-pozizzjoni li ha l-Gvern ghal siti li ma jinghatawx ghallizvilupp. Hu jispjega li filwaqt li gew evitati siti li xorta ha jinghataw ghall-izviliupp, minhabba kwistjoni ta' koerenza, l-ERA ghamlet is-*surveys* xjentifici taghha u ittiehdu s-siti steppici kollha fejn inzerta li l-istess burduri huma dawk li ntuzaw bl-istess process ghal skedar fl-2011.

Illi hawnhekk it-Tribunal jinnota li l-linja tal-protezzjoni u l-linja ta' l-izvilupp, ghalkemm distinti minn xulxin, f'dan il-kaz jikkumplimentaw lil xulxin. Minkejja dan, il-protezzjoni tassit bhala SAC, ghalkemm taghti livell addizzjonali ta' protezzjoni, ma timpedix ghal kollox milli jsir zvilupp jew uzu ta' sit protett, ghalkemm, kif innutat mill-Awtorita', huma l-*policies* tal-ippjanar li jirregolaw dan, u f'dan il-kaz jibqa' l-fatt li s-sit jinsab 'l barra miz-zona ta' lizvilupp u identifikat bhala *Class A Area of Archaeological Importance*, u ghalhekk huwa gia fih innifsu protett fuq diversi livelli u limitat f'termini ta' zvilupp permissibbli skont il*policies* applikabbli. Illi bl-istess mod, il-protezzjoni mposta ma tistax tigi kkonsidrata bhala tehid ta' art kif jissuggerixxu l-appellanti. Hawnhekk, it-Tribunal jiehu spunt mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, kwotata mill-Awtorita' fir-risposta taghha, fl-ismijiet: *Trimeg Limited vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* (14/2005/1), fejn gie provdut issegwenti nsenjament:
Fil-fehma ta' din il-Qorti l-iskedar in kwistjoni certament ma jistax jitqies bhala tehid de jure talproprjeta` u lanqas u bhala esproprju de facto ghaliex Trimeg baqghet dejjem fil-pussess u t-titolu shih tal-art in kwistjoni, u dejjem baqghet tista' taghmel dak l-uzu minnha – primarjament uzu agrikolu – li kienet taghmel qabel. Certament ukoll, l-iskedar impona fuq l-art restrizzjoni akbar milli kellha fuqha qabel, cioe` id-desinjazzjoni ta' white area. Dan ghaliex jekk qabel kien hemm ilpossibbilta` li d-desinjazzjoni ta' white area tinbidel biex ikun jista' jsir zvilupp shih tal-art, bliskedar taht livell 4 AEI/SSI il-possibbilta` ta' zvilupp giet ristritta ghal 'small to medium scale physical development' u dan taht certi kundizzjonijiet indikati fil-paragrafu 15.40 (pagna 102) talExplanatory Memorandum tal-Pjan ta' Struttura.
[…]
Certament meta proprjeta` tigi skedata bilfors li dan igib interferenza mat-tgawdija talpossedimenti, imma dan jikkostittwixxi biss kontroll ta' uzu ta' possedimenti, u l-istat, skond ilproviso tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll imsemmi, ghandu d-dritt li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uza ta' proprjeta` skond l-interess generali.

Illi fl-isfond ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, hija l-fehma meqjusa ta' dan it-Tribunal li din iz-zona ghandha tkompli tkun protetta bhala wahda mill-ftit zoni ta' ftuh u ambjent naturali ta' mportanza ekologika fl-inhawi taghha. Illi s-sit kontestat m'huwiex biss sensittiv b'mod intrinsiku, kif jirrizulta mid-data xjentifika mmappjata fil-*Habitats Map* mill-Awtorita', izda b'mod olistiku bhala parti ntegrali mis-sistema ta' l-Inhawi tal-Wej u l-prezenza ta' flora u fawna li jinstabu f'tali akwati. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li m'hemmx bazi fuqhiex wiehed ghandu jemenda l-konfini taz-Zona Specjali ta' Konservazzjoni kif stabbilit u ghalhekk qieghed jichad l-aggravji kollha mressqa mill-appellant.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma l-konfini taz-Zona Specjali ta' Konservazzjoni ta' Importanza Internazzjonali (SAC) kif ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern 20,303 skont in-Notifika tal-Gvern numru 1522 tal-2019 nhar it-28 ta' Novembru 2019, u skont il-mappa mehmuza ma' l-istess notifika.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu kif gej:

L-appellant jissottometti illi ghalkemm appell minn decizjoni tista' ssir biss fuq punt ta' ligi, dan ma ghandux jigi interpretat b'mod ristrett. Jghid li l-aggravju tieghu hu kif it-Tribunal interpreta l-ligi dwar zoni specjali ta' konservazzjoni (SAC) ghal fatti tal-kaz. Jispjega illi kull kontroll ta' uzu ta' proprjeta ghandu jkun fil-minimu biex ma jkunx hemm ksur ta' dritt fundamentali tal-pussess pacifiku tal-proprjeta. Il-kontroll ghandu jkun proprozjonali biex jikkreja bilanc bejn id-dritt tas-sid u tas-socjeta. L-art hi gia protetta f'livell gholi ta' protezzjoni u ma tiddependix minn klassifikazzjoni ulterjuri ta' protezzjoni biex tilhaq dan l-objettiv. Din il-klassifikazzjoni ulterjuri bhala zona specjali ta' konservazzjoni semmai ghandha ssir b'kumpens adegwat ghas-sid minhabba l-limitazzjoni imposta. Fin-nuqqas ta' kumpens l-interferenza fuq it-tgawdija tal-proprjeta mis-sid ghandu jkun dak strettament necessarju ghal protezzjoni tal-flora u fauna. F'dan il-kaz l-ERA kull ma ghamlet hu illi qaghdet biss fuq id-deskrizzjoni taz-zona bhala wahda ODZ minghajr ma ivverifikat xjentifikament jekk tali sit kienx jimmerita li jizdiedlu l-protezzjoni ghal SAC. L-art saru interventi fuqha u hi imdawwra bil-bini. Jinghad li s-sit intuza semplicement bhala buffer zone ghaz-zona protetta u ma hemm xejn x'jigi protett billi hi prattikament nieqsa mill-abitati li fuqhom hi msejsa d-decizjoni. Jinghad ukoll li gia hemm buffer zone u l-art tal-appellant ma kellhiex tintuza bhala buffer zone addizzjonali. Id-direttiva 94/43KEE ma ssemmix 'buffer zone' bhala raguni ghal klassifikazzjoni li saret. Jekk kien jehtieg buffer zone dan kellu jkun il-barra minn sit mehtieg ghall-immanigjar ta' sit protett.

Jghid tajjeb l-appellant illi t-Tribunal kellu jqis sew il-klassifikazzjoni li saret tal-art u jikkunsidra sew jekk din il-klassifikazzjoni kinitx mehtiega fl-isfond tal-fatti, il-policies rilevanti u d-direttiva Ewropea. Dan jaghmlu punt ta' ligi jekk il-fatti accertati ma jwasslux ragonevolment ghal konkluzjoni maghmula. Jghid hazin pero l-appellant li t-Tribunal ma qies tajjeb il-fatti biex jasal ghal konkluzjoni li wasal. Il-fatt wahdu li l-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni u interpretazzjoni tal-fatti ghal policy u direttiva

applikabbli ma jfissirx li saret applikazzjoni hazina izda biss li l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-fatti maghmula mit-Tribunal ma jaqbilx ma' dak tal-appellant.

It-Tribunal qies li l-art kienet gia milquta bi protezzjoni ghax 'area of ecological importance, site of scientific importance u area of archeologial importance'. Il-protezzjoni ulterjuri bhala SAC ma tnehhix mill-jeddijiet tas-sidien fuq l-art li qieghda f'ODZ. In kwantu ghar-ragunijiet wara z-zieda fil-protezzjoni, it-Tribunal spjega li minn nofsinhar tas-sit ghaddejja trejqa u fuq in-naha opposta ta' hajt tas-sejjieh konfinanti mal-istess trejqa ghaddejjin servizzi pubblici, minn naha tat-triq ghal triq ohra; in-naha tat-tramuntanta tas-sit hu kontigwu ma' binjiet gholjin hames sulari u fuq it-tramuntana tas-sit hemm ukoll binja baxxa. Pero ghalkemm is-sit jinsab fil-vicinanzi ta' bini ezistenti kemm baxx u gholi billi jmiss direttament mal-linja tal-izvilupp, mandankollu s-sit hu karatterizzat minn vegetazzjoni naturali. Qies ir-rapport tal-espert ex parte u d-Designation Report u l-Habitat Map li saru mill-ERA u r-raguni ghaliex intghazlet il-bordura tas-sit fl-intier taghha u kunsidra b'mod partikolari li f'parti zghira tas-sit hemm 'priority habitat' skont l-EU Habitats Directive u L.S. 549.44, tipiku ta' 'pseudo-steppe with grasses and annuals of the Thero-Brachypodietea' li jaqa' fl-iskeda tal-ispeci protetti. L-inhawi tal-Wej jospita diversi speci protetti u endemici. It-Tribunal zied li ma setax jinjora dawn il-fatti xejntifici li juru li kemm iz-zona timmerita protezzjoni kif ukoll is-sit li mhux nieqes ghal kollox minn kwalunkwe ambjent naturali. Qies li l-protezzjoni fic-cirkostanzi kienet necessarja ghaliex dawn iz-zoni jehtiegu zmien ghal rigenerazzjoni biex joholqu ecosistema shiha li ma ghandhiex tittiehed f'izolament izda b'mod mifrux ma' dak li hemm fil-madwar cioe fiz-zona tal-Wej. Tali protezzjoni tassikura 'long term and effective conservation and management of the habitats and species present within the site', fejn l-abitati u l-ispeci jkolllhom spazju fejn jimirhu u ghalhekk importanti li jigi inkluz mhux biss l-ispazju fejn jinsabu l-abitati u l-ispeci izda l-ispazji fejn jistghu jiccaqalqu fis-siti tal-madwar. Il-periklu ta' nuqqas ta' skedar strett hu li l-abitati importanti jigu limitati b'mod li jifgghu u jirrendu l-iskedar primarju bhala wiehed inutili. Ghalkemm is-sit hu fil-periferija ta' fejn jinsabu abitati u speci importanti jrid jigi protett il-konservazzjoni fit-tul tal-ecosistema f'siti sinifikanti periferali biex jimmitigaw ghall-effett detrimentali li jinholoq minn attivitajiet esterni lil hinn mill-konfini stabbiliti. It-Tribunal qies li dan is-sit jinab ezatt mal-linja fejn jispicca l-ODZ pero xorta f'dan il-

kaz il-protezzjoni addizjonali kienet mehtiega ghal protezzjoni holisitika taz-zona u rrenda dan il-process necessarju.

Il-Qorti tikkonkludi li l-argumenti tal-appellant f'dan il-kaz huma biss talba ghal riapprezzament tar-ragunijiet ambjentali u xjentifici li waslu lit-Tribunal jikkonferma d-decizjoni ta' protezzjoni addizjonali fuq is-sit maghmula mill-ERA. It-Tribunal qies kemm id-drittijiet tas-sid u l-obbligu tal-protezzjoni tal-ambjent, qies ukoll jekk tali protezzjoni kinitx mehtiega u jekk allura kinitx proporzjonata ghad-decizjoni mehuda. Il-Qorti ma ssib xejn x'tikkritika dwar dan u l-argumenti tal-appellant dwar it-tehid bla kumpens, l-inferenza li din hi biss buffer zone mhumiex pruvati b'mod li l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal jistghu jitqiesu nieqsa minn fondament ragonevoli bazat fuq fatti accertati li jrendu l-konkluzjoni tieghu zbaljata fil-ligi. Jinghad biss bhala konkluzjoni li f'dan il-kaz ma hemm ebda tehid ta' proprjeta izda biss kontroll fuq l-uzu gustifikat u necessarju minhabba objettivi generali u specifici tal-protezzjoni tal-wirt naturali ta' pajjizna.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Mario Vella u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Ottubru 2023, bl-ispejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur